MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 674/2003

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**Vs**
**C D f' isimha proprju, kif ukoll bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-minuri E F B, nominata f' digriet tal-4 ta' Dicembru 2003, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-attur ilu legalment separat mill-konvenuta martu C D mit-12 ta' Dicembru 2002 ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat Dokument "A" u ilu separat de facto minn mal-konvennuta sa minn Gunju

2001, u minn dak iz-zmien kollu hu qatt ma kkoabita jew kellu relazzjonijiet sesswali mal-konvenuta martu;

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 2007/2003 (li estratt minnu huwa anness bhala Dokument “B”), fit-23 ta’ Mejju 2003, il-konvneuta, ad insaputa ta’ l-attur, li ma kienx jaf li kienet tqila, welldet tarbija ta’ sess maskili bl-isem ta’ E F B, u hu sar jaf b’dan biss wara li nfurmatu l-konvenuta stess madwar tlett gimghat wara li t-tarbija kienet twieldet fl-Isptar San Luqa;

Illi dan il-wild mhux ta’ l-attur, ghax kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hu qatt ma kkoabita ma’ martu bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija ghax kien separat de facto minn martu l-konvenuta u martu hbiet minnu l-gravidanza taghha u minn ezamijiet xjentifici u genetici li jistghu jigu ordnati minn din il-Qorti, tista’ tigi eskluza l-paternita’ ta’ l-attur tat-tarbija E F B;

Illi, ciononostante, fl-Att tat-Twelid numru 2007/2003 it-tarbija tidher registrata fuq ismu bhala l-missier u hu jrid jichad il-paternita’ ta’ l-istess tarbija;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi t-tifel bl-isem ta’ E F B li twieled mill-konvenuta C D fit-23 ta’ Mejju 2003, mhux iben l-attur kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 2007/2003 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikoli 70(1)(d) u 70(3) tal-Kodici Civili, u konsegwentement;

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmi E F B li jgib in-numru li jmiss ta’ Iskrizzjoni 2007/2003 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “eta”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu” u “isem u

kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown"/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti, kif ukoll tordna li mill-imsemmi att ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm, u tordna kull modifika ohra li tista' tkun mehtiega f'dan l-att u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez – komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi – kontra l-konvenuta C D.

Il-konvenuti kollha ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C D proprio et nomine li biha eccepiet:

1. Illi huwa minnu illi E F mhuwiex iben l-attur, u dan huwa fatt li l-konvenuta C D fl-ebda stadju ma cahdet, anzi l-istess konvenuta ghamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens meta tat l-avviz tat-twelid lir-Registru Pubbliku, izda ma kienx hemm mod kif setghet testrometti lill-attur mill-att tat-twelid. Ghalhekk ma hemm l-ebda nuqqas li huwa attribwibbli lill-konvenuta pro et nomine, illi ghaldaqstant m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

2. Illi konsegwentement il-konvenuta taqbel mat-tibdiliet kif mitluba fit-tieni talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li bija eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirremetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici u necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li

ghalaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Christopher Farrugia minnu debitament mahlufa;

Rat l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi azzjoni ta' de negata paternita' li permezz taghha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tifel E F B li twieled mill-konvenuta C D fit-23 ta' Mejju 2003, mhuwiex il-wild naturali tieghu; u konsegwenzjalment qed jitlob korrezzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 2007/2003.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-konjugi A B, l-attur, u C D, il-konvenuta, kienu sseparaw de facto f' Gunju 2001, u minn dak in-nhar il-quddiem qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali ma xulxin. Is-separazzjoni de jure sehhet permezz ta kuntratt ppubblikat minn Nutar Dottor Margaret Heywood fit-12 ta' Dicembru 2002 fil-mori tal-kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet "C B vs A B" [Cit.1851/01] li f' dak iz-zmien kien hemm pendenti bejniethom.

Illi inoltre l-espert xjentifiku, in bazi ghatttestijiet tad-DNA li saru appozitu, ikkonkluda illi "A B [l-attur] huwa eskluz kompletament li hu l-missier bijologiku ta' E F. Bl-ebda [mod] A B [ma] jista' jkun il-missier naturali ta' E F" [Fol.53].

Illi tenut kont tal-premess ma hemm ebda dubju li l-minuri E F mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, u wkoll li mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri kien hemm qbil bejn il-partijiet koncernati dwar dan il-fatt; izda jidher li l-attur kellu jinizja

dawn il-proceduri, stante li t-tifel jinsab registrat fuq ismu u dana tenut kont li f’ dak iz-zmien iz-zwieg taghhom ma kienx ghadu annullat u ghalhekk kienet applikabbli l-prezunzjoni kontemplata fl-Artikolu 67 tal-Kap.17; u dan nonostante li l-konvenuta kienet gharrfet b’ dan lill-ufficjal koncernat fir-Registru Pubbliku u nonostante li din kienet insistiet li t-tarbija ma kienitx ta’ l-attur. In bazi ghal dan, il-konvenuta qed tippretendi li hi m’ ghandhiex tinkorri spejjez gudizzjarji.

In propositu ghal kap ta’ l-ispejjez s-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku huwa marbut bil-ligi u senjatament bl-Artikolu precitat li jirregistra t-tarbija bil-kunjom ta’ zewg l-omm, u ghalhekk fic-cirkostanzi ma kellux triq legali ohra. L-attur minn naha tieghu ma kellux triq ohra hlief li jipprocedi gudizzjarjament sabiex jikkorreggi l-Att tat-Twelid li fuqu jidher li huwa l-missier tat-tarbija li fil-fatt mhux il-wild tieghu. Illi ghalhekk m’ ghandu jkun hemm beda dubju li l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandha tbatihom unikament il-konvenuta C D bhala omm it-tarbija rizultat ta’ relazzjoni li kellha ma terza persuna fiz-zmien li kienet ghadha mizzewga ma’ l-attur, ghalkemm separata minnu.

Illi rigward l-ispejjez tar-rapport xjentifiku li, ghalkemm sar fuq insistenza ta’ l-attur, il-konvenuta kkonsentiet ghall-istess, il-Qorti tosserva li l-attur li kellu fuq spalltu l-oneru tal-prova tal-fatti li fuqhom huma bazati t-talbiet tieghu, kellu kull dritt jesigi li l-Qorti jkollha quddiemha l-aqwa prova, tenut kont ukoll li l-minuri hu parti f’ dawn il-proceduri rapprezentat minn ommu; u ghalhekk gjaldarba t-talbiet tieghu rrizultaw pienament gustifikati, huwa m’ ghandx ibati spejjez in konnessjoni ma’ dan ir-rapport.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u, filwaqt li tiddikjara li t-tifel bl-isem E F B li twieled mill-konvenuta C D fit-23 ta’ Mejju 2003, mhuwiex il-wild naturali tieghu, kif erroneament indikat fl-Att tat-

Twelid bin-numru 2007/2003; tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa fl-istess Att tat-Twelid il-korrezzjonijiet kif indikat mill-attur fit-tieni talba tieghu fis-sens li ismu "A B" u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att tat-Twelid, u minflok jidhlu l-kliem "unknown father"; kif ukoll il-kliem "the said" jigu kkancellati mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm.

L-ispejjes kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------